MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Numru. 61/1999
Kawza Numru. 19

**Il-Pulizija**
**(Spt. Antonello Grech)**
**(Spt. Paul Vassallo)**

**- vs -**

**Carmela Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmela Azzopardi, ta’ 29 sena, mart Emanuel, karta tal-Identita’ numru 264069 (M), kif iportati a fol 1 u 2 tal-process bil-mod segwenti:

1. Talli fix-xhur ta’ qabel l-4 ta’ Marzu, 2998, f’dawn il-Gzejjer, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku (pulizija), illi

ghal xi vantagg privat taghha, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, att jew hwejjeg mobbli, illi kienu gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impjeig taghha, jew serqithom, liema reat hija kienet fid-dmir li tissorvelja lli ma jsirx, jew li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

2. Talli fl-istess dati, f'Ghawdex, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjeig taghha iffalsifikat partita fil-kotba tal-ufficcju tal-Pulizija ta' Victoria, li jkollha x'taqsam mal-hlas, oggetti, depoziti jew rahan imsemmija fl-Artikolu 167 (1) tal-Kap 9, liema reat hija kienet fid-dmir li tissorvelja li ma jsirx, jew li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

3. Talli fl-istess dati, f'Ghawdex instab li kellha fil-pussess taghha xi oggetti li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oggett huwa proprjeta' tar-Repubblika ta' Malta, jew oggett illi Azzopardi kienet taf li huwa proprjeta' tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorita kompetenti ma tatx il-permess bil-miktub sabiex wiehed jista' jiddisponi minnhom, u naqset milli taghti kont sodisfacenti ta' kif l-oggetti jew l-haga kienet giet ghandha, liema reat hija kienet fid-dmir li tissorvelja li ma jsirx, jew li minnhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

4. Talli fl-istess dati, f'dawn il-Gzejjer, appropjat ruhha billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u liema affarijiet gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha; liema reat hija kienet fid-dmir li tissorvellja li ma jsirx, jew li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

5. Talli fl-stess dati, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettiet serq ta' diversi oggetti u flus liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna, u liema reat hija kienet fid-dmir li tissorvellja li ma jsirx, jew minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi;

6. Talli fl-istess dati, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qera jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahhlet biex tbieghhom jew tmexxihom, liema reat hija kienet fid-dmir li tissorvellja li ma jsirx, jew li minhabba l-kariga taghha kiellha d-dmir li timpedixxi.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-30 ta’ Gunju 1999 skond l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap 9 sabiex l-imputata ikun ggudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputata iddikjarat li ma kellha l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz taghha ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja (ara verbal seduta 9.07.99);

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi l-akkuzata kienet tifforma parti mill-Korp tal-Pulizija u stazzjonata fl-ghassa ta’ Victoria, Ghawdex. Fost id-dmirijiet taghha kellha ukoll r-responsabilita’ tal-Lost Property Register. Fil-5 ta’ Marzu 1999, persuna marret l-ghassa tal-Pulziija, Victoria sabiex tara x’kien gara mis-somma ta’ sebghin lira Maltin li kienet sabet fi triq fl-20 ta’ Frar 1997. Din il-persuna qalet li kienet infurmata mill-imputata illi din is-somma flus kienet migbura minn certu Teddy White u tatu ukoll l-indirizz tieghu izda, meta dan Teddy White kien mfittex mill-persuna li originarjament sabet il-flus, irizulta li ma kienx joqghod hemm u sid il-flat ikkonfermat illi hija qatt ma kienet kriet lil din il-persuna. Ghalhekk bdiet indagini tal-Pulizija sabiex ikun mgharuf ghaliex hemm dik id-diskrepanza u l-imputata mill-ewwel offriet illli thallas hi s-Lm70 lira. Din qanqlet aktar suspett fl-ispettur prosekutur u minn aktar indagini irrizulta illi xi niex li kienu jidhru li ircevew lura oggetti dikjarati mitlufa, skond ir-registru tal-

Lost and Found, fir-rejalta, qatt ma kienu haduhom lura u wisq anqas iffirmaw ghalihom.

Mitluba taghmel stqarrija, l-akkuzata ammettiet mas-superjuri taghha illi hija kienet fil-fatt hadet xi affarijiet misjuba u konsenjati minn persuni l-ghassa tal-Pulizija u minn *search* fir-residenza taghha irrizultaw xi crieket, brazzuletti u gizirana tad-deheb, kamera tar-ritratti u xi portmonijiet li l-akkuzata ikkonfermat li hadithom mil-Lost and Found Section. Minn aktar indagini irrizulta li kien hemm flus barranin, phone cards u oggetti ohra li ma kienux traccati. Fir-residenza tal-akkuzata irrizultaw *stationery* u timbri ufficcjali.

Ikkunsidrat ukoll illi quddiem din il-Qorti irrizulta illi l-imputata kellha r-responsabilita’ tal-Lost and Found Register u kienet hi responsabbli b’mod li tiehu u tirrilaxxja kull oggett li jkun konsenjat lil-pulizija bhala mitluf u li jkun sussegwentement mitlub minn sidu. Illi fuq nomina ta’ espert kaligrafiku, jirrizulta illi l-firem ta’ 25 persuna li ddikjaraw li ircevew lura oggetti mill-ghassa tal-Pulizija, kienu fil-fatt maghmula minn persuna wahda li ghandha l-kaligrafija tal-imputata skond kampjun tal-kitba mghoddi lill-espert kaligrafu. Jirrizulta ukoll illi diversi persuni iddikjaraw quddiem din il-Qorti, mhux biss l-fatt illi huma qatt ma irtiraw l-oggetti indikati fir-Lost and Found Register, bhala sidien jew bhala l-persuni intitolati wara t-trapass ta’ zmien, izda ukoll li l-firma li tidher fl-istess registru mhix il-firma taghhom u dan minkejja li d-dettalji taghhom ikunu korretti. Ghalhekk jirrizulta illi s-segwenti firem kienu falsifikati u cioe dawk ta’: Lino Axiaq; Claude Domenuq Barbeque; Mary Jane Bartolo; Mary Anne Borg; Antonia Bord; Theresa Buttigieg; Pauline Buttigieg; Natalina Camilleri; Rita Cassar; Pierre Cauchi; Doreen Cauchi; Louis Gatt; Josephine Grech; Natasha Grech; Patricia Norma Jones; M. Jordan; Laurence Linwood; Christine Emma Martins; Michelle Mercieca; Rose Saliba; Rita Spiteri; Georgia Spiteri; Pauline Vella; Teddy White u Diane Zammit;

Illi mill-istqarrija tal-imputata jirrizulta illi l-imputat kienet tahdem il-Licensing Office fil-kwartieri tal-Pulizija il-

Furjana u meta ix-xoghol ta' licenzji beda jsir min nies pajzana, hija hadet maghha it-timbri kollha sabiex ikunu fiz-zgur peress illi hadd ma talabhomlha. Fl-istqarrija taghha a fol 27 l-imputata kienet iddikjarat illi minhabba problemi personali kien qed ihossha ghajjiena mentalment u ma kienitx qed tahseb sew.

L-imputat ressqet bhala xhud lil Dr. David Cassar li qal li fl-1998 kien ra lill-imputata professjonalment peress illi kienet fi stat ta' ansjeta' u dipressjoni u kienet konfuza izda ma setax jghid li kienet qed tbati minn stat ta' genn ai tlermini tal-ligi. Dan kollu origina minn relazzjoni li dahlet fiha meta kienet gia omm. L-istess xhud ikkonkluda illi l-imputata kellha gudizzju sbilancjat u difettuz fil-futur tat-tifel taghha.

Ikkunsidrat illi l-att materjali allegat mill-prosekuzzjoni jirrizulta pruvat kwantu l-akkuzi 1, 2, 3 u 4 . L-akkuzi 5 u 6 huma akkuzi alternattivi u stante li ma jirrizulta ebda serq jew ricettazzjoni kif allegat, ma ssibhiex hatja u tilliberha minnhom.

Wara li l-Qorti accertat ruhha mill-prova sufficjenti dwar l-att materjali kwantu l-akkuzi 1 sa 4, jehtieg ikun determinat jekk l-imputata kellhiex il-*mens rea* rikjest mil-ligi ghas-sejbien ta' htija. Id-difiza ma ssolevat l-ebda eccezzjoni ta' inkapacita' fil-hin tal-kommissjoni tar-rejat izda resqet xhud psikjatra li ddikjara li l-imputata kienet ghadejja minn zminijiet difficili u li dan seta kellu konsegwenzi fuq il-gudizzju tal-imputata. Jinghad izda illi tali tezi jehtieg prova aktar rigoruza minn hekk ghaliex l-imputata kienet ghadha fl-impjieg taghha u ma ingiebet l-ebda prova li kienet f'xi kondizzjoni li almenu xi hadd gibdilha l-attenzjoni li ma kienitx qed tkun ghall-altezza. Ir-rejati ta' falsifikazzjoni u misappropriazzjoni saru tul perjodu ta' zmiem, b'mod sistematiku u meqjus u anke studjat tant li l-imputata indikat persuni b'dettalji ezatti bhala titolari tal-oggetti misjuba. Dan kien jinkludi l-isem, indirizz, numru tal-ID Card jew passaport. Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tqis lill-imputat bhala wahda priva mill-*capacita' di volere* u hi tal-fehma illi ghalhekk l-elementi kollha tar-rejati 1 sa 4 kienu prezenti u pruvati fil-

grad li trid il-ligi izda ser tikkonsidra ix-xhieda tat-tabib psikjatra ghal-fini ta’ piena.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputata hatja tal-akkuzi 1 sa 4;

Wara li  rat l-artikoli 18, 127, 141, 167 (1), 290, 293 u 294 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputata, l-istess imputata ghandha titqies bhala *first offender* u ghalhekk qed tilliberaha bil-kondizzjoni li ma tghamilx rejat iehor sa zmien tlett snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------